*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 22**

**L-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

22.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

22.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 21 li saret Nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2021:***

22.2.1 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

22.2.2 **Matters arising:**

22.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 21.2.4 fejn qal illi x-xogħol fuq il-bini tal-Kunsill jidher li qabad ir-ritmu u jekk l-kuntrattur jibqa għaddej b'dan ir-ritmu hemm iċ-ċans li x-xogħol ma jdumx esaġerat.

22.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 21.2.4 jekk intbgħatitx l-ittra.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fis-seduta tal-Kunsill li għaddiet kienet għadha għaddeja l-aġġudikazzzjoni tat-tender tal finishings izda issa dan ġie aġġudikat u ma kellna l-ebda oġġezzjoni, kompla jgħid illi l-kuntrattur li ntagħzel huwa l-istess wieħed li qed jagħmel ix-xogħol fuq il-bini tal-Kunsill hu qal illi sa Jannar l-istaff irid joħroġ mill-bini tal-Kunsill prezenti u qed jassumi li sa dak iz-zmien il-Kunsill il-ġdid ikun jista jiffunzjona biss fil-parti ta' isfel.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li għat-tieni fazi ta' dan il-proġett il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għandu jiltaqa mal Enġineer għaliex hu tekniku u tajjeb li jinvolvi ruħu kemm jista.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu diġa jmur fuq il-post u jiċċekja x-xogħol pero jaqbel li jiltaqa mal-Enġineer.

Is-Sindku qal illi tajjeb li nikkomunikaw anke mad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru tas-saħħa Dr. Chris Fearne sabiex jiġu jaraw is-sala li ser tkun allokata għal Berġa hekk kif kien miftiehem.

22.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 21.2.5 jekk saritx il-laqgħa tal-Magħluq.

Is-SIndku qal illi tajjeb tikkumenta l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon dan peress illi il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice kienet involuta flimkien miegħu f`zewġ laqgħat.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi saret laqgħa bejna bejn il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Perit William Lewis u kien hemm anke l-public consultation mall-bdiewa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi r-residenti ser ikunu infurmati li x-xoħolijiet ser jibdew fit-26 ta' Mejju 2021 qalet bħala xogħol ser isir kollox min ġewwa u ser jieqfu sa fejn hemm is-siġar biex ma jinqalawx is-siġar u ma jkunx hemm ħsara lill-ambjent. Hi qalet illi l-ewwel fazi ser tibda issa u it tieni fazi għanda tieħu ftit tax-xhur sakemm tinxef il-ħama.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon kompliet tgħid illi rigward il-catchments tal-widien qalet illi hemm kollox ippublikat online u hi kienet anke ippublikat il-link fejn dak li jkun jista jidħġol jara pero eventwalment ser jitnaddfu u jsiru xi foothpaths u jkun hemm aktar aċċess lil pubbliku għat Triq San Ġwakkin u Wied Sant Antnin.

22.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 21.2.5 fejn tkellimna fuq l-Inwadar

Is-Sindku qal illi din il-ġimgħa kien hemm xi ħadd li tefa t-terrapin u kellem lic-chairmain u ħadu passi immedjati għaliex anke hemm il-cameras, għalhekk meta jkollna bzonn xi ħaġa nkellmu lilu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemm ħafna siġar illi ħadu pero hemm partijiet minnhom li qisu ħurrieq fejn dan qiegħed hemm biex fix-xitwa jilqa r-raxx lis-siġar tat-tamarisk u kif jidhol is-sajf jinqalaw u jibqu l-oħrajn.

22.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud 21.3.1 paġna 4 qal illi konna qbilna biex naraw nsibux resident li jkun interssat biex ikun fis-Sotto kumitat tal-Kumitat tar-Riċiklaġġ.

Is-Sindku qal illi konna ftehmna illi jekk xi ħadd isib lill xi ħadd jipprezenta ismu lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi is-Sur Charles Farrugia hu aċċetta li jidħol għal din il-pozizzjoni.

Ġie deċiz li nitkellmu fuqha aktar tard taħt item 3.

22.2.8 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkelmet fuq artiklu 21.7.7 paġna 10 u qalet illi qadet tara x'tabelli qed jitolbu l-Għaqda Baħħara u Sajjieda u ma tarax għalfejn ma għandnix nagħmluhom, qalet li mhux titkellem fuq it-tabelli tal-campers izda fuq it-tabelli li pproponew l-Għaqda.

Is-SIndku qal jekk ma jmorrux kontra l-legal notice ma tagħmilx differenza.

Il-Viċi Sindku qalet li ma jmorrux kontra l-legal notice pero tajjeb li nzidu l-klawzola li tgħid *park at your own risk*.

Is-Sindku qal illi huma riedu jserrħu rasom illi ma jiġux *one fine day* u ma jkunux jistgħu jipparkjaw hemmhekk.

Is-SIndku qal illi mingħandhom insibu koperazzjoni kbira u ma jħossx li m'għandnix intuwhom it-tabella.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu ra l-legal notice ukoll u ma jħosxx li l-Għaqda qed jitolbu xejn speċjali għaliex huma qed jgħidu li l-post skond il-legal notice awtoriazzat bhala sit tal-ipparkja ta' karrijiet għandu jiġi ddentifikat bit-tabelli.

Is-Sindku qal l-important li ma nerggħux nirranġaw il-legal notice mill-bqija t-tabella m'għandiex għalfejn ma ssirx.

- ***Il-Kunsillier Perit John Schembri daħal għal laqgha fis-18:30.***

22.2.9 Il-Kunsillier is Sur John B Camilleri qal irid jikkumenta fuq item 21.2.6 paġna 4 u qal illi kellna nikkomunikaw mas-Sur Noel Zahra minħabba z-zebra crossing ta' Triq il-Qaliet pero qallu illi peress illi hija installazzjoni ġdid ma jistgħax jagħmilha hu għalhekk hu qabbad lill kuntrattur tagħna u beda ix-xogħol fuqha pero sibna problema għaliex hemm pipe ma nistgħux insibuħ taħt l-art għalhekk għandu bzonn kuntatt ta' xi ħadd li kien jieħu ħsieb it-triq biex niltaqgħu miegħu, sabiex jekk hemm il katusa lesta ma noqgħodux nerggħu nkissru l bankina.

Is-Sindku qal illi listess perit huwa listess bniedem li konna qed nikomunikaw miegħu fuq il-fault tal -kaxxa tad- drenaġġ.

22.2.10 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 21.2.8 u staqsa fiex waslu l-cameras li għandhom jitwaħħlu mall-BIS għaliex qed iħoss li x-xogħol miexi bilmod.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qed nistennew li joħrog il-permess mill-Enemalta wara li saru l-electrodes u isa qed nistennew minn Enemalta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal meta jerġgħa jikkuntattja lill Enemalta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ra mozzjoni mis-Sindku li titkellem fuq dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi biex ser isiru l-cameras kien hemm u għad hemm spejjez li qed inħallsu kull xahar sabiex dawn il-cameras jiffunzjonaw.

22.2.11 Il-Kunsillier Is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 10 rigward l-emenda fil-bye law li talbu l-Għaqda baħħara u s-Sajjieda għaliex kien qed jaqtalgħu l-internet u ma jafx x'kienet id-diskussjoni.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma sabx problema li isiru t-tabelli kif xtaqu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ma tkellmitx fuq l-emenda izda fuq it-tabelli.

Is-Sindku qal illi biex issir l-emenda trid tergħa tibda proċess fejn id-daħħal il-bye law ġewwa l-Parlament u tiswik ħafna spejjez meta ma hemmx għalfejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk għal emenda tridx iddaħħal il-bye law xorta l-parlament.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal l-istess proċedura biex tgħaddi legal notice hija l-istess proċedura biex temenda.

Il-Kunsillier is -Sur John B Camilleri qal illi fil-paragrafu ta qabel ta' l-aħħar tal-minuti tal-aħħar laqgħa kien hemm qbil illi nħallu l-karrijiet għal tlett tijiem għad day trippers u hu iċċekja.

Is-Sindku qal illi dejjem jekk ma jkunx hemm attivita.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi massimu ta tlett tijiem ovjament jekk tkun ser issir attivita ma tistax titħalla hemm.

Is-Segretarju qal is sajf mhux li ghaddha ta qabel dejjem kien ikun hemm ħafna attivitajiet għaddejjin.

Is-Sindku qal illi bit-tabelli jkunu infurmati min tlett tijiem qabel.

22.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

22.3.1 **<u>Progression fin-notch tas-Sinjura Alexandra Mallia:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill Kunsill illi l-iskrivana is-Sinjura Alexandra Mallia waslet biex titla fin-notch.

Il-Kunsill qabel unanimament.

22.3.2 **Ħatra ta' persuna biex tkun fil-bord tal-Wasteserv:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi wara l-aħħar laqgħa l-Kunsilliera ġew mitluba illi jipprezentaw ismijiet ta' nies li huma interessati li jkunu parti mill-bord tal-Wasteserv u min naħa tiegħu sab persuna li hi interresata kif ukoll hija resident f'Marsaskala u joqgħod in-naħa tal-magħluq dan il-persuna huwa is-Sur Charles Farrugia fejn dan il-persuna kien anke jgħaddi l-ilmenti tiegħu lilu u hu kien jgħaddihom lill-bord u jieħu interess f'dan il-qasam u hu persuna tal-affari tiegħu.

Is-Sindku qal illi dan il-persuna jafuh ħafna nies.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi taf dan il-persuna u vera hu tal-affari tiegħu pero ma tħossx li għandha tissuġerixxi lill ħaddieħor min dak li kienet is-suġġeriet fl-aħħar laqgħa.

Is-Sindku qal illi nistgħu nieħdu vott fuq dawn iz-zewġ persuni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma nnomina lil ħadd ġdid għaliex jibqa ta' l-ideja li l-persuna ideja hija is-Sur Anthony Camilleri għalhekk iħoss li tajjeb ngħaddu għal vot.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu ma jafx l-ebda wieħed minnhom għalhekk li jivvota kontra xi ħadd minnhom ma tagħmilx sens.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa jekk hemmx xi ħadd għandu problema fuq il-persuna li ppropona il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għaliex qal illi hu jħoss li l-Kunsill għandu jagħżel persuna li ħadd ma għandu problema bih jew biha.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ma tħossx li dik għandha tkun ir-raġuni għaliex ma għandekx jew għandek tagħżel persuna izda jintagħzel kemm il-persuna tkun kompetenti fejn qed jirraprezenta lr-residenti f'bord tekniku.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li l persuna li iddecieda li joħrog ghal din ir-responsabilta' dan għax għandu l-lokal għal qalbu allura hu f'dan il kaz jekk hemm zewġ min-nies li ddeċidew li huma interessati Ii jidħlu f'dan il-bord hu jippreferi li jintagħzel xi ħadd li bħala Kunsill nkunu kuntenti bih. Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri kompla jgħid illi bħal ma qal il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli hu ma jafx l-ebda wieħed minnhom u għalhekk għandna nmorru għal persuna li nkunu kuntenti bih.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li la avviċinaħ il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud m'huwiex persuna ħazina allura tafda fil-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi m'għandix x'taqsam il-kwistjoni li hu ħazin jew tajjeb izda l-fatt kemm il-persuna hija intiza f'dan is-suggett.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal ill nistgħu ngħaddu għal vott billi xi ħadd jipproponi xi ħadd jissekonda umbagħad jittieħed vott.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ipprononiet lis-Sur Anthony Camilleri sabiex ikun membru fil-bord tal-Wasteserv u ssekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri:

**Favur:** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier Dr Errol Cutajar.

**Kontra:** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud,

**Asstenzjoni**: Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli, il-Kunsillier il-Perit John Schembri, il-Kunsillier Patrick Camilleri, il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona lis-Sur Charles Farrugia sabiex ikun membru fil-bord tal-Wasteserv u ssekonda s-Sindku s-Sur Mario Calleja:

**Favur**: Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli, il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud, il-Kunsillier Patrick Camilleri, il-Kunsillier il-Perit John Schembri.

**Kontra**: Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier Dr Errol Cutajar

**Asstenzjoni**: Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

Wara li ttieħed il-vot il-persuna li ntagħzlet kienet is-Sur Charles Farrugia.

22.3.3 **L-għeluq tal-Playingfield ta' Pjazza Mifsud Bonniċi:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi qablet li nissiġillaw il-bandli biex it-tfal ma jkunux jistgħu jmorru jilgħabu u jitħalltu pero ma taqbilx li jingħalaq l-aċċess kollu tal-bandli għaliex hemm in-negozji fejn diġa ħadu daqqa kbira li qed jaħdmu biss bit-takeaway u qed isibuha diffiċli ħafna meta hemm kullimkien magħluq saħansitra l-persuni li jiġu biex jgħamlu id-deliveries tal-ikel ma jridux li jmorru iktar għaliex ma jridux li joqgħodu jaqbzu ċ-ċint u għalhekk in-negozji qed ibatu għaliex ma hemmx aċċess.

Is-SIndku qal hemm it-taraġ miftuħ.

Il-Viċi Sindku qalet li le għax marret hi u ma hemmx aċċess.

Il-Viċi Sindku qalet illi l-Family Park hu tal-Gvern u m'għalquhx. Issa min-naħa tagħha qed titlob biss li jkun hemm biss aċċess għal min irid jgħaddi minn ġo fih.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal inħallu biss is-sinjali biex ma jintuzawx l-bandli u nħalluh miftuħ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal nistgħu nħallu l-gate ta faċċata tal-bus stop.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar il-problema tal-bandli mhux il-passaġġ tal-bandli izda meta jintuzaw il-bandli għaliex bħal ma tista tmur mixja tista tgħaddi min ġol passaġġ tal-bandli.

Is-Sindku qal illi diġa għaddeja minnha fejn għalkemm ikun hemm it-tape imdawwar mal-bandli jqattawh u jergħu jibdew jidħlu u juzaw il-bandli.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi jekk naraw li kulħadd qed jerġgħa jabbuza nerġgħu ngħalqu kollox.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-bandli nistgħux naqlawgħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal faċilment b'tigh clip tista torbot l-bandli mal-biċċa ta' fuq u l-problema tkun solvuta.

Kien hemm qbil unanimu illi nifthu aċċess tal-bandli minn quddiem il-bus stop filwaqt li norbtu l-bandli biex ma jintuzawx pero jekk isir l-abbuzz nerġgħu nagħlqu.

22.3.4 **Ir-railing ta' mall-Promenade:**

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi daħlulu xi ilmenti illi r-railing ta' ħdejn ser jiġi l-waterpolo pitch hemm parti mill-ħadid imkisser u msaddad.

Is-Sindku qal illi din ir-rappurtata lill-MTA.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-istess post hemm xi ħadd b'generator fejn qiegħed ġo karozza u l-ħin kollu mixgħul fejn hu bgħat ritratt u jidher in-numru tan number plate tal-karozza sabiex nirrapurtaw lill-Pulizija.

22.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

22.5 **<u>Rapporti:</u>**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

22.6 **<u>Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

22.7 **<u>Korrispondenza:</u>**

22.7.1 **<u>Unloading Bay fi Triq iċ-Ċervjola (35/0709/21/I):</u>**

Is-Sindku qal illi jekk irid unloading japplika mat-TM.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice qalet illi ma tafx kemm ituh peress li m'huwiex tal-white goods, pero jibgħat lil TM umbagħad jinfurmawna x'ikunu ddeċiedew.

Kien hemm qbil.

22.7.2 **<u>Quote re investigation of connection between Triq Sant Antnin and Triq San Ġwakkin (35/0715/21/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din ser tinvolvi ammont ta' flus u tajjeb li tgħaddi mil-laqgħa.

Il-Viċi Sindku qalet illi zmien ilu l-Kunsill kien ikkuntattjat mill-Kunsill Konsultattiv tan-Nofsinhar ta' Malta sabiex noħorġu bi proposti u huma jkunu jistaw jiffinanzjaw il-proġett fejn jekk ikun vijabli li jsir issa l-Kunsill kien qabel illi ngħaddu l-proposta li qalilna biha il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri li ninvestigaw konessjoni bejn Triq Sant Antnin u Triq San Gwakkin biex ikollna triq alternattiva kif ukoll nelevaw it-traffiku min Triq ix-Xatt u forsi 'l quddiem issir *pedestrian*. Il-Viċi Sindku qalet illi din il-proposta għaddiet mill-KKNM u l-finanzjament tagħha. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kienu ltaqghu mall-Perit tal-Kunsill u l-KKNM kemm hi kif ukoll il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-istudju sabiex isir dan il-proġett jammonta għall € 12000 u dan l-ammont ġie approvat mill-KKNM li ser jiġi rifuz lura lill Kunsill la darba jsir dan l-istudju.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din għaddejniha mil-laqgħa tal-Kunsill għaliex tajjeb li tkun minuted minħabba l-valur ta' flus li ser jintefqu u min għada l-Kunsill jista jibgħat l-works order lill-Perit sabiex ikun jista jibda ix-xogħol ta' studju.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb illi qabel ma ngħaddu l-works order inġibu ll-approval tal-KKNM.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi diġa għandna l-approval.

Is-Swgretarju Ezekuttiv qal illi din hija l-proposta li ġiet milqugħa mill KKNM pero l-Awtorita finali li ser tħaddan il-proġett tkun Infrastructure Malta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din il-kwistjoni kienet qamet meta ġejna mitluba sabiex f'Marsaskala issir zona pedestrijonali ġoċ-ċentru ta Marsaskala għaliex kif qiegħed mqassam il-Lokal hemm ammont ta' nies li jigħxu fiċ-ċentru ammont ta' nies li jgħixu fiz-Zonqor u ammont ta' nies jgħixu n-naħa tas-siberja u meta tipprova tagħlaq Triq ix-Xatt jinqala chaos kbir għaliex ma tistax tibbaza biss mit-traffiku jgħaddi minn Triq Sant Anna. Din kienet diskussa biex ċ-ċentru tagħna jkun zona pedestrijonali u jkun hemm post ieħor fejn jgħaddi l-flow tat-traffiku.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu għandu r-road alignment scheme u sakemm ma jinfetħu t-toroq ta' Bellavista iġifieri Triq l-Iskal u Triq il-Qrempuċ u joħorġu għan-naħa ta Triq Dun Frans Grech kwazi impossibli li issir għaliex huma toroq prinċipali u għalkemm dawn diġa scheduled li jsiru nisperaw li jsiru illum qabel għada ghaliex qabel ma jkunu lesti ma nistgħux ngħamlu l-proġett.

Il-Viċi SIndku qalet illi għalhekk ipproponiet dan l-istudju biex forsi jekk hu vijabli ikun hemm dan f'konnesjoni ma dak li hemm propost fdawn l-inħawi.

22.7.2 B Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi abbinata ma dan l-item l-Kunsill rċieva korrispondenza minn resident f'Marsaskala rigward l-expression of interest li konna qajjimna waqt is-seduta tal-Kunsill li għaddiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu qara l-ittra għax hija interessanti ħafna u tajjeb li issir laqgħa ma mqar ħames min nies min dan il gruppp u nisimaw x'għandhom xi jgħidu u xi proposti joħorġu bihom dawn ir-residenti.

Is-Sindku qal illi meta ħriġna bil-biċċa xogħol tal-expression of interest kienet biex ir-residenti f'Marsaskala jagħmlu proposti fuq Marsaskala kollu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jissuġerixxi illi min irid mill-Kunsilliera kif ukoll is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jattendi għal laqgħa sabiex nisimgħu x'qed jgħidu u jipproponu fejn mhux bilfors ser isir x'qed jgħidu huma pero nieħdu l-idejat tagħhom.

Is-Sindku qal illi ħadd ma jista jzomm lill ħadd milli jgħaddi proposti u fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill jiddeċiedi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għalhekk qed jgħid li tajjeb naraw il-kontenut u nisimawhom.

Is-Sindku qal li tajjeb li nħalluha miftuħa għar residenti kollha min irid jgħamel proposta jgħaddiha lill-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali hija Awtorita legali u distinta pero mhijiex l-awtorita' kompetenti li tihu decizjoni fuq masterplan li l-Kunsill li jista jamel hu biss li jikkomunika mal awtoritajiet responsabbli. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-mod ta' kif jaħdem *expression of interest* f'Kunsill ma jezistix pero apparti minn hekk bix issir expression of interest minn Kunsill li mhumiex direttament responsabbli din hija xi ħaġa ħazina. Propju fis-suġġett ta qabel il-Kunsill sab din l-ideja fejn iddeċidejna li jsir studju dwaru mbagħad nadduha lill infrastructure Malta u PA u dawn l-affarijiet li qed jipproponu jinvolvu studju enormi għaliex jidher li hemm nies tekniċi ħafna fi ħdan dan il-grupp ta' nies.

Sindku qal illi ma jsibx oġġezzjoni jekk jgħamluh huma dawn l-istudji.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li allaħres naslu sa hawn u nies min barra jqabbdu l-Periti huma.

Is-Segretarju Ezekuttiv  qal illi dawn l-affarijit lanqas jaqu taħt il-kompetenzi tal-Kunsill, anke jekk il-Kunsill jasal għal konkluzjoni din trid tirrakkomandhom lil awtoritajiet kompetenti.

Is-Sindku qal illi proġett kapitali mhu qatt tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill għandu zewġ toroq x'jista jieħu jew joqgħod passiv u jħalli l-lokal jinqered jew ikun proattiv u  jisma x'qed jgħidu n-nies jara x'qed jattira in-nies u t-turisti u x'baqa tajjeb u jara x'jista jsalva. Il-Kunsill mhuwiex biss hemm biez ibiddel il-bozoz u t-tabelli u għalhekk kulħadd irid jiddeċiedi jekk iridx jagħmel bidla fil-lokal fiz-zmien li għandhom bħala Kunsilliera.

Is-SIndku qal illi hu ma jħossx li l-ebda membru tal-Kunsill ma qiegħed ikun passiv.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu min naħa tiegħu meta kien hemm il-laqgħa mal-membri ta` save Marsaskala hu attenda għax jinteressah mir-residenti u jgħid illi ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk dawn ir-residenti jipprezentaw kollox iswed fuq l-abjad u jipprezentawhom lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għalhekk ma hemm xejn isbaħ milli ssir hija laqgħa magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu qed jistudja fuq *regeneration plan* ta' Marsaskala fit-tezi tiegħu iġifieri hu mhuwiex qiegħed hawn biex ma jagħmel xejn jew ma jridx jiltaqa magħhom qal illi hu ma jsibx problema li jiltaqa magħhom, qal illi l-grupp jider li hu organizzat u jaqbel mal-master plan għaliex hemm bzonnu ħafna pero jekk taqra l-ittra ma toħroġx tant proposti biex il-Kunsill ikollu bidu ta' fejn iridu jaslu mhuwiex qed jgħid li jidħlu fid-dettal għaliex dan m'għandux ikun xogħolhom pero jixtieq li jagħtu aktar idejat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal il-Master plan huwa min Munxar sa l-Inwadar.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li tajjeb u hekk għandna bzonn u tajjeb li jigwidawna fil-konkret.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan huwa kunċett li jieħu tul ta snin biex isir pero tajjeb li jkollok vizjoni fejn trid tasal u għalhekk f'din littra m'hemmx id-dettalji izda l-idejat u l-kunċett la darba l-kunċett jintgħoġob imbagħad hemmhekk nibdew nmexxu dawn l-idejat.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi il-kunċett huwa tajjeb għaliex ma tistax ma taqbilx ma *open spaces* jew mat-teknoloġija jew ma l-edukazzjoni għaliex fil-prinċipju kollha naqblu pero nixtieq ngħidilhom biex jiġu b'naqra aktar dettalji.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb li f'dan il-grupp ikun hemm xi ħadd tekniku illi jgħidilhom il-Kunsill Lokali sa fejn jista jasal bħala responsabilitajiet, kompla jgħid illi sa sitt snin ilu konna għadna nafu lill-Marsaskala fejn kien hawn permess biss ta' tlett sulari u għalkemm il-Kunsill kien oġġezzjona għal *medium rise buildings* din xorta għaddiet u ttieħdet mill-PA u fl-aħħar mill-aħħar qed ibgħatu l-konsegwenzi r-residenti kemm fuq saħħithom kif ukoll fuq l-ambjent ta' madwarhom ,drenaġġi ma jifilħux, xemx ma tarahix u anke qed jaffaċjhom il-Kunsill b'influs ta' permessi li jkollna ta' kuljum.  Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsilli f'Malta m'għandhomx l-istess poter bħal dawk ta' barra min Malta u din ir-residenti iridu jirejalizzawha.  Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill snin ilu diġa kien talab sabiex inkunu l-ewwel lokali li jkolna pjan għal Marsaskala u għalhekk qatt ma konna passivi, u għalkemm din ridna li issir għal Marsaskala din għandha issir għal kull lokalita għaliex kull lokalita għandha l-karateristiċi tagħha u finalment id-deċizjoni finali ħa tkun f'idejn il-PA u Infrastructure Malta.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jaqbel mas-Segretarju Ezekuttiv fejn l-Kunsill għandu amminsitrattivament limitazjoni ta x'jista jagħmel u f'ċirkustanzi bħal pjan ħolistiku għal Lokalita kull ma jista jgħamel hi applikazzjoni u sottomosjonijiet pero xejn ma jzomm Kunsill Lokali milli ikollu jieħu pozizzjoni u jadotta pjan wara li jkun għamel konsultazzjoni ma resident, Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar kompla jgħid illi jaqbel mall-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli illi dawn il-proposti għandhom ikunu b'ċertu dettal tekniku pero jaħseb li l-Kunsill għandu jieħu pozizzjoni u għalkemm nafu li mhijiex tiegħu l-kelma finali ħadd daqs il-Kunsilli Lokali wara li jkun ikonsulta mar-residenti m'għandu saħħa kbira li jieħu pozizzjoni.

Is-Sindku qal illi aħna iridu nisimgħu lill kulħadd u għalhekk dan il-grupp jaf li hemm nies validissimi fih u tajjeb li jgħaddulna l-idejat tagħhom u nieħdu decizjoni fuq il-proposti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi flus hemm biex isiru l-proġetti.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-Kunsill ħafna drabi jiġi ikkritikat li m'għandux opinjoni għalhekk hu jħoss li għalkemm m'għandnix ċertu poter izda għandu jkollna opinjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ERA jibgħatu l-Kunsill għal opinjoni fuq diversi affarijiet u għalhekk nistgħu nkunu Kunsill li ngħaddu l-ilmenti u suġġerimenti tan-nies jew nkella ma ngħatu l-ebda feedback u ma ngħidu xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi nistgħu niddiksutu bejnitna nistgħu norganizzaw public consultation, izda nixtiequ li l-proposti ta' kulħadd mhux biss ta' dawn in-nies li bgħatu l-ittra ħalli jkolna ideja ċara ta' x'jikkonsisiti fih il-pjan ħolistiku u kif ser naslu għalih.

Is-Sindku qal illi wara 26 sena li nħollqu l-Kunsill Lokali ir-residenti għadhom ma jafux x'jaqa taħt il-Kunsill u x'inhi r-reponsabilta ta' Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi punt ieħor kif il-Kunsill jista jieħu feedback ta' xi jridu in-nies hu permezz ta' kwestjonarju.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar nadottaw il-parametri li aħna lesti naċċetaw proposti mingħand kulħadd fis-sena u nofs li ġejjin bħala short,medium u long term.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li l-Kunsilliera jiltaqgħu ma dawn ir-residenti kif ukoll ma gruppi oħra u jtuwhom il-feedback tekniku kif ukoll ta' esperjenza li jkun hemm bzonn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss illi s-Segretarju Ezekuttiv għandu jibgħat ittra lil dan il-grupp sabiex issir laqgħa magħhom u min mill-Kunsillier hu interessat jistgħa jattendi.

Is-Sindku qal illi aħjar il-proposta tkun iswed fuq l-abjad u mhux bid-diskors għaliex anke jkun hemm bzonn ta' xi ħadd jieħu l-minuti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din hija biss diskussjoni u proposti tanġibli.

Kien hemm qbil li nilqgħu proposti mingħand ir-residenti fi zmien sitt xhur.

22.7.3 **<u>Laqgħa mal-Ministeru tat-Transport:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kemm hu kif ukoll il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri kellhom laqgħa mal-Minsiteru tat-Transport rigward il-proposta li għaddha fl-aħħar laqgħa illi jsir park and ride u multistorey car park flok l-impjant la darba dan jispiċċa. Is-Sindku qal illi min naħa tagħhom laqgħu din il-proposta u għoġbithom ħafna izda peress illi l-Wasteserv ma jaqax taħt it-Transport Malta irreferewna għal Ministru Miriam Dalli u l-Ministru Aaron Farrugia u nbtgħatet ittra lilhom sabiex tkun tista issir laqgħa magħhom.

22.7.4 **<u>Applikazzjoni SPI/SCI/2/2021 Finanzjament għal zvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playingfields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ħarġet skema li kien diġa ressaq quddiem il-Kunsill izda id-Dipartiment jixtieq li ntuwhom stima ta kemm beħsiebu jonfoq flus il-Kunsill fuq dawn il-playingfields.

Is-Sindku qal illi min naħa tiegħu hu għandu laqgħa fit-12 t'April sabiex l-embelishment ta Ġniend David Vella jiġi iffinanzjat kollu mill- Elektrogas u għandhom budget tajjeb ħafna, għalhekk din l-iskema għandha tieħu ħsieb il-leisure park.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tiegħu kellem lill Perit tal-Kunsill sabiex jgħamlilna stima ta' l-affarijiet li jridu jinbiddlu fostom it-tapit, is-Segretarju Ezekuttiv kompla jgħid illi qed jitlob lill-Kunsill jekk jaqbilx illi bħala spiza tiġi tilħaq bejn €40,000 u €50,000 fejn minn dawn il-flus il-Kunsill joħroġ 15% u l-85% tkoprijhom l-iskema.

Kien hemm qbil unanimu.

22.7.5 **<u>Nomina President Kunsilli Skolastiċi (35/0663/21/I):</u>**

Is-Sindku qal illi fil-prezent il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud huwa l-President u saqsa l-Kunsilliera jekk isibux oġġezzjoni li jzomm din il-kariga.

Il-Viċi Sindku qalet illi hemm bzonn ta' zewġ presidenti.

Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jieħu ħsieb l-iskola l-antika.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi irridu nipproponu lil xi ħaddieħor.

Is-Sindku qal illi sa fejn jaf hu diġa hemm wieħed jew waħda.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ma tafx jekk hemmx xi ħadd diġa pero jekk le jista l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jipproponi lill xi ħadd li jaf li hu kompetenti.

Is-Sindku qal illi jekk ma hemmx diġa jipproponi li jkun il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu jaċċetta fil-kaz li ma hemm ħadd.

Kien hemm qbil li nissuġerixxi lill Kusillier Dr Patrick Camilleri.

22.7.6 **<u>Enemalta Triq il-Blajjiet (35/0490/21/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi snin ilu l-Kunsill għamel talba sabiex isir id-dawl min naħa tal-Enemalta u qalulna li ħa jdaħluha fil-budget u bqajna niġru warajhom u kellimna lic-Ceo's dan l-aħħar reġgħet inqalgħet bgħatna ittra bis-site plans u qalulna li huma m'għamlux dwal fit-toroq fejn nistgħu nikkontestawha għaliex ma jaħsibx li hu l-kaz għaliex dwal dejjem saru min naħa tal-Enemalta.

Is-Sindku talab biex ikollu kopja ta din l-email ħa jimbotta fuqha hu ukoll.

22.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

22.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

C Planet IT Solutions Ltd– Service fee call out on pc– PR2103-001211- €59.00
PR 2103-001192- €29.50
PR 2103-001185- €59.00

22.8.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru *2217 staqsa xi ħsarat kellu l-van tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv għandna l-lista tal-affarijiet li nbiddlu u kif sar il-VRT għaddha mingħajr ma kellna problemi.

22.8.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru * 2218 saqsa x'inhuma dawn it-tours.

Is-Segretarju Ezkuttiv qal illi dawn il flus ser jiġi rimbursati skema li qed issir min naa ta Reġjun xlokk fejn dan jgħamel virtual tours li ħa jibdw mill-iskejjel u tkun tista tara b'mod virtwali biex issir promozzjoni għal lokalitajiet li jaqgħu taħt ir regjun xlokk.

22.8.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru*2276 staqsa min hu TM Ironmongery.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan hu Ironmongery li wieħed mill-ħaddiema juza biex jixtri xi affarijiet minħabba li ċertu affarijiet ma jsibhomx fi ħwienet tal-lokal.

22.8.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru * 2263 u *2264 u qal illi min naħa tiegħu mhuwiex kuntent bis-servizz ta' knis fil-lokal qal illi qed ikollu ħafna ilmenti mingħand resident u anke hu stess qed jara li x-xogħol mhux qed isir kif suppost Qal illi ġimgħat sħaħ jew ma jgħaddix jew inkella ma jiġborx jħalli l-ħaxix mhux maqtugħ.

Is-Sindku qal illi meta jkun hemm ilment jista jkun il-kaz li jkun hemm il-karozzi u ma jkunx jista jaqta l-ħaxix.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camileri qal illi l-feedback mingħand in nies huwa ħazin ħafna.

Is-Sinku s-Sur Mario Calleja qal illi kull meta għaddejna lilmenti lilhom dejjem qdewna bl-aħjar mod u tajjeb li ngħaddu l-ilmenti lill Contracts Manager.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu bgħat anke ritratti lis-Sindku l-problema baqgħet li kienet.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-aħjar illi l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jistenna lill kuntrattur u jurih fuq il-post x'nuqqasijiet hemm.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għal dan ix-xogħol suppost hemm il-Contracts Manager u staqsa jekk hemmx feedback min naħa tal-Contracts Manager.

Is-SIndku s-Sur Mario Calleja qal jista jitkellem hu direttament mal-Contracts Manager.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ukoll irċvieit ilmenti u għalhekk il-Kunsill impjega Contracts Manager biex isus wara l-kuntratturi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-contracts Manager jista jitkellem mall-Kuntratturi pero ħafna drabi jkunu uħud ir-residenti li jħammġu.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi għandu jkun il-contracts manager li jieħu ħsieb li l-kuntrattur jgħamel xogħolu sew.

Is-Sindku qal illi mhux il-kuntrattur ma jagħmilx xogħolu sew għaliex anke fil-kaz tal-Bring in sites jitbattlu u ftit wara jerġgħu jintlew.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal rigward il-Bring in sites ta' ħdejn Villa Sant'Anna suppost jitbattlu darbtejn f'ġimgħa.

Is-Sindku qal illi hu għadda mozzjoni fuq hekk u jekk ma jridx inaddafhom darbtejn fil-ġimgħa jista jneħħijhom min hemm.

Il-Viċi Sindku qalet illi ma tarax għalfejn għandhom jitneħħew  wara li ntefqu tant flus biex isiru l-cameras.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma ħariġtx flus biex isiru l-cameras u għalkemm hu kemm il-darba saħaq li għandna nistennew il-cameras issa wasalna f'punt illi jekk ma jitbattlux kif suppost għandhom jitbattlu cioe darbtejn fil-ġimgħa dawn għandhom jitneħħew.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi f'dak il-kaz jinbidel il-kuntrattur u mhux jitneħħew il Bring in sites.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hawn biss zewġ kuntratturi li jgħamlu dan ix-xogħol u għalkemm pruvajna nibdlu l-kuntrattur dawn ma aċċettawx.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għalkemm li hawn ħafna nies irresponsabli l-fatt li ma jitbatlux darbtejn fil-ġimgħa hija problema.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi waħda mill-problemi hi li l-għatu tal-Bring in sites li għandna bl-għatu jinfetaħ.

Is-Sindku qal illi hu tkellem magħhom biex jagħmlu biċċa ħadida biex l-għatu ma jinfetaħx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din hi r-responsabilta` tagħna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għandhom jibdlulna l-kontenituri bħal kontenituri oħra li jkun fihom biss toqba fuq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb nipprovaw nkellmu l-kuntrattur biex jibda jbattal darba iva u darba le għaliex iħoss illi jekk jitbattlu darbtejn fil-ġimgħa xorta mhux ser tkun bizzejjed u jekk ma jaċċettax jista jneħħi kollox.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk jibdew jitbattlu darbtejn fil-ġimgħa diġa pass tajjeb ħafna jekk jaċċetta bi tlett darbiet ikun aħjar.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi apparti x-xogħol kollu li ħadna biex nġibu l-cameras qed nħallsu l-internet fix-xahar għal kull kamera għalhekk tajjeb li naħsbuha tajjeb qabel ma niddeċiedu li nneħuhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel li jitneħħew u kif jiġu l-cameras npoġġuhom lura.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-għar tnejn huma dik ta' ħdejn Villa Sant Anna u ta' ħdejn il-Jerma.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dik ta' ħdejn il-Jerma tista issirilha kamera għaliex taqbad mal-latrina u ma hemmx għalfejn permess mill-Arms.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għal din id-darba mhux ser joġġezzjona għal pagamenti tal-istreet sweeping.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

22.9 **Mozzjonijiet:**

22.9.1 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#060-3/3/21):**

'' Jipproponi illi jekk il-BIS ma jibdewx jitbattlu darbtejn fil-ġimgħa, It-Tnejn u l-Ġimgħa, jitneħħew kollha. Fil-prezent qed isir abbuz sfrenat.''

Kien hemm qbil li nemendawha u jsir il-ġbir it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa.

Is-Sgertarju Ezekuttiv qal illi jekk il-kuntratt jistipula darbtejn fil-ġimgħa ma nistgħu nitolbuh tlett darbiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal ikun qed ipatti għal dan iz-zmien kollu li kellu jiġbor darbtejn fil-ġimgħa u kien qed jiġbor biss darba.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser jiċċekja l-kuntratt sew u jibgħat lill-Kunsilliera.

22.9.2 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#061-4/3/21):**

"Peress illi qed ikollna ħafna kollizjonijiet anke minnhom serji u b'nies imweġajn, f'salib it-toroq bejn Triq is-Silla u dik ta' Triq l-Imriekeb, nipproponi li jsiru (traffic calmers sleeping policeman) fil-kantunieri."

Is-Sindku qal nistgħu ngħamlu sleeping policeman fil-kantuniera Triq is-Silla k/m Triq l-Imirekeb.

Segretarju qal sleeping policeman ma tistax issir f'kantuniera izda ħames metri aktar irtirata wara li napplikaw ma TM.

Kien hemm qbil unanimu.

22.9.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (#062-17/3/21):</u>**

"Kif forsi issa tafu l-Bidni jinsab maqluħ ħabba xogħol li qed tagħmel fis- sistema ta' l-ilma tat-tieni klassi għalhekk qed jipproponi li l-Kunsill kemm jista jkun malajr jagħmel talba formali lil WSC sabiex hekk kif bhalissa hemm il-Bidni maqluħ l-istess WSC tieħu ħsieb u tinstalla sistema ta katusi tad-drenaġġ. Madwar ħamsin familja kollha jigħixu f'dawn l-inħawi fejn għad qatt ma ġie provdut dan is-servizz baziku. Hu ftit ironiku li qed jagħddu l-katusi għat-tieni klassi ta ilma hu minkejja kemm il-talba għamilna qatt ma ġiet fis-seħħ. Għalhekk issa huwa l-mument li dawn il-katusi tad- drenaġġ jitpoġġew ukoll qabel ma issir it-triq bit-Tarmac."

Kien hemm qbil unanimu.

22.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 24 ta' Marzu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Janice Falzon** |
| Segretarju Ezekuttiv | Viċi Sindku |